SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

6 ta' Marzu 2008 *

Fil-Kawża C-98/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Højesteret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Frar 2007, fil-proċedura

Nordania Finans A/S,

BG Factoring A/S

vs

Skatteministeriet,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President ta' l-Awla, G. Arestis, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u J. Malenovský (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Diċembru 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Nordania Finans A/S u BG Factoring A/S, minn H. S. Hansen u T. K. Kristjánsson, advokater,

— għall-Gvern Daniż, minn B. Weis Fogh, bħala aġent, assistita minn K. Lundgaard Hansen, advokat,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn D. Triantafyllou u S. Schønberg, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Diċembru 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Nordania Finans A/S (iktar 'il quddiem "Nordania Finans" u BG Factoring A/S (iktar 'il quddiem "BG Factoring"), li daħlu fid-drittijiet ta' BG Erhvervsfinans A/S (iktar 'il quddiem "Erhvervsfinans"), li huma kollha kumpanniji stabbiliti skond il-liġi Daniża, u l-iSkatteministeriet (Ministeru tat-Taxxa u s-Sisa), fir-rigward tad-dritt għat-tnaqqis parzjali tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") li Erhvervsfinans setgħet tippretendi fir-rigward ta' l-ispejjeż ġenerali tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Fi kliem it-tnax-il premessa tas-Sitt Direttiva:

"[…] r-regoli dwar tnaqqis għandhom ikunu armonizzati sa fajn jolqtu l-ammonti attwalment miġbura; billi l-proporzjon deduċibbli għandu jkun ikkalkulat bl-istess mod fl-Istati Membri kollha".

4 L-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva jipprovdi:

"Fir-rigward ta' oġġetti u servizzi li għandhom ikunu użati minn persuna taxxabbli kemm għal tranżazzjonijiet koperti b'paragrafi 2 u 3, fir-rigward ta' li[ema] t-taxxa fuq il-valur miżjud titnaqqas, u għal tranżazzjonijiet fir-rigward ta' li[ema] t-taxxa fuq il-valur miżjud ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss [tal-VAT] għandu jkun imnaqqas kif hu attribwit għat-tranżazzjonijiet ta' qabel.

Dan il-proporzjon għandu jkun determinat, b'mod konformi ma' l-Artikolu 19, għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa minn persuna taxxabbli.

[…]"

5 L-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, intitolat "Kalkulazzjoni tal-proporzjon imnaqqas", jipprovdi kif ġej:

"1. Il-proporzjon imnaqqas taħt l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 17(5) għandu jkun magħmul minn frazzjoni li jkollha:

— bħala numeratur, l-ammont totali, esklużiv [mill-VAT], tal-bejgħ kull sena attribwit għat-tranżazzjonijet li fuqhom [il-VAT] titnaqqas taħt l-Artikolu 17(2) u (3),

— bħala denominatur, l-ammont totali, esklużiv [mill-VAT], tal-bejgħ kull sena attribwit lit-tranżazzjonijiet inklużi fin-numeratur u lit-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' li[ema] [l-VAT] mhux imnaqq[sa]. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinkludu fid-denominatur l-ammont ta' sussidji, għajr dawk speċifikati fl-Artikolu 11 A (1) (a).

Il-proporzjon għandu jkun stabbilit fuq bażi annwali, iffissat bħala persentaġġ u magħmul figura sħiħa li ma teċċedix in-numru li jmiss.

2. Permezz ta' deroga minn dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1, għandhom ikunu esklużi mill-kalkulazzjoni tal-proporzjon imnaqqas, l-ammonti tal-bejgħ attribwiti lill-provvisti ta' oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju [tagħha]. Ammonti ta' bejgħ attribwiti għal tranżazzjonijet speċifikati fl-Artikolu 13 B (d), sa kemm dawn huma tranżazzjonijiet inċidentali, u għall-beni immobbli inċidentali u għal tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom ukoll ikunu esklużi. Fejn Stati Membri jeżerċitaw l-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 20(5) li ma jeħtiġux l-aġġustament fir-rigward ta' oġġetti kapitali, huma jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' oġġetti kapitali fil-kalkulazzjoni tal-proporzjon imnaqqas.

[…]"

6 L-Artikolu 20 tas-Sitt Direttiva, li jiffissa ċerti regoli dwar l-aġġustament tat-tnaqqis jipprovdi:

"1. It-tnaqqis inizjali għandu jkun aġġustat b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti mill-Istati Membri […]

[…]

2. Fil-każ ta' oġġetti kapitali, l-aġġustment għandu jkun mifrux fuq ħames snin inkluż dik meta l-oġġetti jkunu akkwistati jew fabbrikati. […]

[…]

3. Fil-każ ta' provvista matul il-perjodu ta' l-aġġustament l-oġġetti kapitali għandhom jkunu meqjusa bħala li huma xorta kienu applikati għall-użu tan-negozju minn persuna taxxabbli sa l-iskadenza tal-perjodu ta' l-aġġustament. […]

[…]

4. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu:

— jiddefinixxu l-kunċett ta' l-oġġetti kapitali,

[…]

5. Jekk fi kwalunkwe Stat Membru l-effett prattiku ta' l-applikazzjoni ta' paragrafi 2 u 3 jkun insinifikanti, dak l-Istat Membru jista'[,] […] soġġett għall-konsultazzjoni pprovduta fl-Artikolu 29[,] jgħadd[i] mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn il-paragrafi wara li [jik]kunsidra l-bżonn li jevita tfixkil fil-kompetizzjoni, l-effett totali tat-taxxa fl-Istat Membru kkonċernat u l-bżonn ta' ekonomija vera fl-amministrazzjoni.

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 Il-liġi dwar il-VAT (momsloven) tittrasponi s-Sitt Direttiva. Fi kliem l-Artikolu 38(1) ta' din il-liġi, fil-verżjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 1994:

"Għall-oġġetti u s-servizzi li impriża reġistrata tuża, fl-istess ħin, għal skopijiet li jagħtuha dritt għal tnaqqis skond l-Artikolu 37 u għal skopijiet oħra fl-impriża, it-tnaqqis jista' jsir għal dik il-parti mit-taxxa li tkun proporzjonali għad-dħul mill-bejgħ li jikkorrispondi għall-parti ta' l-attività soġġetta għar-reġistrazzjoni. Fil-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ ma jitqiesx l-ammont tad-dħul mill-bejgħ attribwit għall-provvisti ta' oġġetti kapitali li jkunu ntużaw fl-impriża. B"oġġetti kapitali' wieħed jifhem il-magni, il-mobbli u l-mezzi l-oħra ta' l-operat li l-prezz tagħhom (mingħajr it-taxxa prevista minn din il-liġi) ikun ogħla minn 50 000 DKK [sa mill-1996: 75 000 DKK] […]".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Nordania Finans u BG Factoring huma żewġ kumpanniji li jappartjenu għall-istess grupp, imwielda mir-ristrutturar ta' l-istess wara l-likwidazzjoni, fl-2001, ta' Erhvervsfinans.

9 Matul il-perijodu li jkopri s-snin 1995 sa 1998, Erhvervsfinans eżerċitat attività ta' hire purchase ta' vetturi bil-mutur, suġġetta għall-VAT. Fl-1998, din l-attività involviet iktar minn 4 500 vettura. Erhvervsfinans kienet teżerċita wkoll attività ta' provvista ta' servizzi finanzjarji li kienet eżentata mill-VAT. Għalhekk hija kellha

tikkalkula proporzjon sabiex tiddetermina l-ammont li fuqu kellha dritt għal tnaqqis parzjali tal-VAT li hija setgħet tippretendi fuq l-ispejjeż ġenerali tagħha.

10 Fil-kuntest ta' dan il-kalkolu, Erhvervsfinans ħadet in kunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ li rriżulta mill-bejgħ ta' vetturi fit-tmiem tal-kuntratti tal-hire purchase. Fil-fatt, hija kkunsidrat li dawn il-vetturi ma kinux "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju [tagħha]" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva.

11 B'deċiżjoni tas-17 ta' Novembru 1999, l-awtoritajiet fiskali lokali Daniżi ma qablux ma' din l-evalwazzjoni peress li kkunsidraw li dawn il-vetturi kienu jikkostitwixxu tali oġġetti u għalhekk id-dħul mill-bejgħ li rriżulta mill-bejgħ ta' dawn il-vetturi ma setax jittieħed in kunsiderazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu ta' dan il-proporzjon.

12 Erhvervsfinans ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Landsskatteret (tribunal fiskali) li, b'digriet tas-27 ta' April 2001, laqa' t-talba tagħha.

13 L-iSkatteministeriet appella kontra dan id-digriet quddiem l-Østre Landsret (il-qorti reġjonali tal-lvant), li, peress li kkunsidrat li l-vetturi kkonċernati kienu oġġetti kapitali, irriformat id-deċiżjoni tal-Landsskatteret b'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2003.

14 Nordania Finans u BG Factoring, li, fil-frattemp, daħlu fid-drittijiet ta' Erhvervsfinans, ikkontestaw din is-sentenza quddiem il-Højesteret (il-qorti suprema) fid-9 ta' Frar 2004.

15 Huwa f'dan il-kuntest li l-Højesteret iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda għal deċiżjoni preliminari li ġejja:

"L-espressjoni 'oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu [tagħha]', li tinsab fl-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva [...], għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi l-oġġetti li impriża ta' leasing tixtri bil-ħsieb, min-naħa, li tikrihom, u min-naħa l-oħra, li terġa' tbiegħhom fit-tmiem tal-kuntratti ta' hire purchase?"

Fuq id-domanda għal deċiżjoni preliminari

16 Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qed tfittex li tkun taf b'mod konkret jekk l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu [tagħha]" jinkludi vetturi li impriża ta' leasing takkwista bil-ħsieb li, bħal fil-kawża prinċipali, tikrihom u mbagħad tbiegħhom fit-tmiem tal-kuntratti tal-hire purchase.

17 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, għad-determinazzjoni tal-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, għandhom jitqiesu fl-istess ħin it-termini, il-kuntest u l-għanijiet tagħha (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1992, Tenuta il Bosco, C-162/91, Ġabra p. I-5279, punt 11; tas-16 ta' Jannar 2003, Maierhofer, C-315/00, Ġabra p. I-563, punt 27, u tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans, C-280/04, Ġabra p. I-10683, punt 34). Barra minn hekk, mir-rekwiżiti ta' l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju kif ukoll tal-prinċipju tat-trattament ugwali jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, li ma tinvolvi ebda referenza espressa għal-liġi ta' l-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandu normalment ikollhom, fil-Komunità kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies il-kuntest ta' din id-dispożizzjoni u l-għan imfittex

mil-leġiżlazzjoni in kwistjoni (ara, partikolarment, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 2004, Harbs, C-321/02, Ġabra p. I-7101, punt 28, u tat-18 ta' Ottubru 2007, Österreichischer Rundfunk, C-195/06, Ġabra p. I-8817, punt 24).

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva ma jagħmel ebda referenza espressa għal-liġi ta' l-Istati Membri għad-determinazzjoni tat-tifsira u l-portata tiegħu, u li t-termini tiegħu ma jippermettux, minnhom infushom, li jiġi kkunsidrat b'ċertezza li dan jipprevedi oġġetti bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni l-kuntest u l-għanijiet ta' din id-dispożizzjoni.

19 Fir-rigward tal-kuntest tiegħu, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva jagħmel parti mit-Titolu XI tagħha, li jittratta s-sistema ta' tnaqqis. Id-dritt għal tnaqqis, previst fl-Artikolu 17(2) ta' l-imsemmija direttiva, li japplika fir-rigward ta' taxxa li tkun tħallset minn qabel fuq l-oġġetti u s-servizzi użati mill-persuna taxxabbli għall-ħtiġiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha, għandu l-għan li jeħles kompletament lill-persuna taxxabbli mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fl-ambitu ta' l-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħha. Minħabba f'hekk, is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi n-newtralità sħiħa fir-rigward tat-taxxa dovuta fuq l-attivitajiet ekonomiċi kollha, sakemm l-istess attivitajiet ikunu, bħala regola ġenerali, huma stess suġġetti għall-VAT (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Frar 2007, Investrand, C-435/05, Ġabra p. I-1315, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Meta l-persuna taxxabbli tagħmel fl-istess ħin tranżazzjonijiet taxxabbli li jagħtu dritt għal tnaqqis u tranżazzjonijiet eżentati li ma jagħtux dan id-dritt, l-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva jipprevedi li t-tnaqqis huwa permess biss għal dik il-parti tal-VAT li hija proporzjonali għall-ammont tat-tranżazzjonijiet taxxabbli. Dan il-proporzjon huwa kkalkulat skond ir-regoli dettaljati ddefiniti fl-Artikolu 19 ta' l-imsemmija direttiva. Għalhekk, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jippermettu persuna taxxabbli, li takkwista

oġġetti u servizzi għall-eżerċizzju ta' attivitajiet taxxabbli u ta' attivitajiet eżentati fl-istess ħin, li tnaqqas b'mod komplet il-parti mill-VAT li tkun tħallset fuq l-akkwist ta' dawn l-oġġetti jew ta' dawn is-servizzi li hija meqjusa bħala l-parti li tikkorrispondi għall-proporzjon li fih dawn jintużaw għall-ħtiġijiet ta' l-attivitajiet taxxabbli.

21 Huwa f'dan il-kuntest li, filwaqt li l-Artikolu 19(1) tas-Sitt Direttiva jipprevedi li l-proporzjon ta' tnaqqis jirriżulta minn frazzjoni li jkollha, bħala numeratur, l-ammont tad-dħul mill-bejgħ attribwit għal tranżazzjonijiet taxxabbli u, bħala denominatur, l-ammont tad-dħul mill-bejgħ kollu miżjud, meta jkun il-każ, b'ċerti sussidji, l-Artikolu 19(2) jipprovdi, permezz ta' deroga, li għandhom jiġu esklużi, partikolarment, l-ammont tad-dħul mill-bejgħ attribwit lill-provvisti ta' oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju tagħha jew attribwit lit-tranżazzjonijet inċidentali marbuta ma' beni immobbli jew finanzjarji.

22 L-għan ta' l-imsemmi Artikolu 19(2) joħroġ mid-dikjarazzjoni tal-motivi li tinsab mal-proposta tas-Sitt Direttiva, ippreżentata mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej fid-29 ta' Ġunju 1973 (ara l-*Bullettin tal-Komunitajiet Ewropej*, Suppliment 11/73, p. 20), li tipprovdi "[l]-elementi previsti f'dan il-paragrafu għandhom jiġu eskluži mill-kalkolu tal-proporzjon sabiex jiġi evitat li dawn ikunu jistgħu jiffalsifikaw is-sinjifikat reali tal-proporzjon safejn dawn l-elementi ma jirriflettux l-attività professjonali tal-persuna taxxabbli. Dan ikun il-każ meta jinbiegħu oġġetti kapitali u jsiru tranżazzjonijiet marbuta ma' beni immobbli jew finanzjarji li huma relatati biss b'mod inċidentali, jiġifieri li għandhom biss importanza sekondarja jew inċidentali meta mqabbla mad-dħul mill-bejgħ globali ta' l-impriża. Barra minn hekk, dawn it-tranżazzjonijiet huma eskluži biss meta ma jkunux jagħmlu parti mill-attività professjonali abitwali tal-persuna taxxabbli".

23 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li n-nuqqas ta' inklużjoni tat-tranżazzjonijiet inċidentali finanzjarji fid-denominatur tal-frazzjoni użata għall-kalkolu tal-proporzjon, skond l-Artikolu 19 tas-Sitt Direttiva, huwa intiż sabiex jiżgura l-osservanza ta' l-għan ta' newtralità sħiħa li s-sistema komuni tal-VAT

tiggarantixxi. Jekk ir-riżultati kollha tat-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-persuna taxxabbli li jkollhom rabta ma' attività taxxabbli jiġu inklużi fl-imsemmi denominatur, anki meta l-ksib ta' dawn ir-riżultati ma jimplika ebda użu ta' oġġetti jew servizzi li għalihom hija dovuta l-VAT jew, ta' l-inqas, jimplika biss użu limitat ħafna tagħhom, il-kalkolu tat-tnaqqis ikun żbaljat (sentenza tal-11 ta' Lulju 1996, Régie dauphinoise, C-306/94, Ġabra p. I-3695, punt 21).

24 Bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva, il-leġiżlatur Komunitarju għalhekk kellu l-ħsieb li jeskludi mill-kalkolu tal-proporzjon l-ammont mid-dħul attribwit għall-bejgħ ta' oġġetti meta dan il-bejgħ ikun ta' natura inabitwali fil-kuntest ta' l-attività regolari tal-persuna taxxabbli kkonċernata u għalhekk ma jeħtieġx użu ta' oġġetti jew ta' servizzi ta' użu mħallat b'mod li jkun proporzjonali għad-dħul mill-bejgħ iġġenerat minn dan il-bejgħ. Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-inklużjoni ta' dan id-dħul mill-bejgħ fil-kalkolu tal-proporzjon imnaqqas tirrendi riżultat żbaljat fis-sens li dan ir-riżultat ma jibqax jirrifletti l-proporzjon rispettiv ta' l-użu ta' l-oġġetti jew tas-servizzi intiżi għal użu mħallat għall-attivitajiet taxxabbli u għall-attivitajiet eżentati.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kunċett ta' "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju [tagħha]" fis-sens ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva ma jistax jinkludi dawk l-oġġetti li l-bejgħ tagħhom jassumi, għall-persuna taxxabbli kkonċernata, in-natura ta' attività ekonomika abitwali. Fil-fatt, għall-persuna kkonċernata, l-akkwist u mbagħad il-bejgħ ta' dawn l-oġġetti jeħtieġu l-użu regolari ta' l-oġġetti u tas-servizzi ta' użu mħallat. Meta dan il-bejgħ jirriżulta minn attivitajiet abitwali u taxxabbli tal-persuna taxxabbli, id-dħul mill-bejgħ marbut magħhom għandu jittieħed in kunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-proporzjon imnaqqas sabiex dan jirrifletti aħjar il-parti ta' l-użu, għal dawn l-attivitajiet, ta' l-oġġetti u tas-servizzi intiżi għal użu mħallat, mingħajr ħsara għall-għan ta' newtralità tas-sistema komuni tal-VAT.

26 Għalhekk, jekk, bħal fil-kawża prinċipali, il-bejgħ, fi tmiem il-kuntratti tal-hire purchase, tal-vetturi li jkunu s-suġġett ta' dawn il-kuntratti jkollu n-natura ta' attività regolari għall-persuna taxxabbli kkonċernata li taġixxi hekk b'mod professjonali u

sistematiku, ikun kuntrarju għal dan l-għan ta' newtralità jekk din il-persuna taxxabbli ma tiġix b'mod effettiv meħlusa mill-parti tal-VAT inkluża fl-ispejjeż ġenerali li tkun serviet sabiex sar dan il-bejgħ, u għalhekk għall-eżerċizzju ta' l-attività ekonomika abitwali taxxabbli. Minn dan jirriżulta li d-dħul mill-bejgħ attribwit għall-bejgħ bħal dan ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jikkonċerna "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju [tagħha]" fis-sens ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva.

27 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi ddisturbata mill-fatt li, fil-kuntest tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE, tal-11 ta' April 1967, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u modalitajiet ta' l-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 1967, 71, p. 1303, iktar 'il quddiem it-"Tieni Direttiva"), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-kunċett ta' "oġġetti kapitali" li jidher fit-tielet inċiż ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 17 ta' l-imsemmija direttiva kien ikopri l-oġġetti li, użati għall-iskopijiet ta' attività ekonomika, jiddistingwu ruħhom minħabba t-tul ta' żmien ta' l-użu tagħhom u l-valur tagħhom, li għalhekk l-ispejjeż ta' akkwist tagħhom normalment ma jkunux irreġistrati fil-kontijiet bħala spejjeż kurrenti iżda bħala spejjeż li jinqatgħu fuq firxa ta' diversi snin (sentenza ta' l-1 ta' Frar 1977, Verbond van Nederlandse Ondernemingen, 51/76, Ġabra p. 113, punt 12).

28 Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Verbond van Nederlandse Ondernemingen, iċċitata iktar 'il fuq, kien importanti għall-qorti tar-rinviju li tiddetermina, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Olandiża fis-seħħ, jekk materjal ta' l-uffiċċju ta' valur baxx setax jiġi kkunsidrat bħala oġġetti kapitali li jistgħu, skond l-Artikolu 17 tat-Tieni Direttiva, ikunu eskluži mid-dritt għal tnaqqis tal-VAT previst mill-imsemmija direttiva. Issa, jekk stess jiġi dedott li vetturi akkwistati minn impriża għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ekonomiċi tagħha huma destinati li jikkostitwixxu oġġetti kapitali skond l-interpretazzjoni mogħtija, f'dan il-kuntest, ta' l-Artikolu 17 tat-Tieni Direttiva, ma jistax, madankollu, jiġi dedott sempliċement mill-kriterji applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza msemmija li vetturi bħal dawn jaqgħu f'din il-klassi għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva.

29 Fil-fatt, l-esklużjoni mill-kalkolu tal-proporzjon imnaqqas, bħala regola ġenerali, ta' oġġetti li, użati għall-iskopijiet ta' attività ekonomika, jiddistingwu ruħhom b'mod ċar minħabba t-tul taż-żmien ta' l-użu tagħhom u l-valur tagħhom, li għalhekk l-ispejjeż ta' akkwist tagħhom normalment ma jkunux irreġistrati fil-kontijiet bħala spejjeż kurrenti iżda bħala spejjeż li jinqatgħu fuq firxa ta' diversi snin, mingħajr ma jitqies il-fatt li l-bejgħ tagħhom, fit-tmiem tal-kuntratti tal-hire purchase, jifforma parti integrali ta' l-attività regolari tal-persuna taxxabbli, tmur direttament kontra l-għan tan-newtralità tas-sistema komuni tal-VAT.

30 Huwa għalhekk li d-definizzjoni ta' oġġetti kapitali prevista fl-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva, li tiddetermina sistema partikolari għall-kalkolu tal-proporzjon imnaqqas, ma żżomx neċessarjament ma' dik li kienet ritenuta għall-applikazzjoni tas-sistema ġenerali ta' tnaqqis stabbilita mit-Tieni Direttiva.

31 L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Verbond van Nederlandse Ondernemingen, iċċitata iktar 'il fuq, m'hijiex għalhekk rilevanti għar-risposta għad-domanda mressqa.

32 Lanqas m'huwa rilevanti l-fatt li l-Artikolu 20(4) ta-Sitt Direttiva jħalli f'idejn l-Istati Membri l-kompitu li jiddefinixxu l-kunċett ta' oġġetti kapitali.

33 Fil-fatt, minn naħa, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li d-dritt hekk mogħti lill-Istati Membri huwa applikabbli biss għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20(2) u (3), li jistabbilixxi s-sistema ta' aġġustamenti tat-tnaqqis.

34 Min-naħa l-oħra, dan id-dritt ma jistax jiġi rrikonoxxut għall-Istati Membri għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tar-regoli tal-kalkolu tal-proporzjon definiti fl-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva mingħajr ma tkun qed tiġi injorata r-rieda tal-leġiżlatur Komunitarju espressa fit-tnax-il premessa ta' l-imsemmija direttiva, li tipprovdi li l-kalkolu tal-proporzjon għandu jsir bl-istess mod fl-Istati Membri kollha.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sistema ta' aġġustamenti tat-tnaqqis kif determinata fl-Artikolu 20 tas-Sitt Direttiva u r-regola partikolari li tinsab fl-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 19(2) ta' l-istess direttiva, li jipprevedi l-inklużjoni, fil-kalkolu tal-proporzjon, tad-dħul miċ-ċessjoni ta' oġġetti kapitali previsti, fil-kuntest tas-sistema ta' aġġustament, fl-Artikolu 20(5) ta' l-istess direttiva, ma jaffettwawx l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' oġġetti kapitali esklużi mill-kalkolu tal-proporzjon bis-saħħa ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva, li għandu jkun determinat b'mod awtonomu u uniformi fil-Komunità.

36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li għad-domanda mressqa tingħata r-risposta li l-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu [tagħha]" ma jinkludix vetturi li impriża ta' leasing tixtri bil-ħsieb, bħal fil-kawża prinċipali, li tikrihom u sussegwentement tbiegħhom fit-tmiem tal-kuntratti ta' hire purchase, meta l-bejgħ ta' dawn il-vetturi fit-tmiem ta' dawn il-kuntratti jifforma parti integrali mill-attivitajiet ekonomiċi abitwali ta' din l-impriża.

Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 19(2) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "oġġetti kapitali użati mill-persuna taxxabbli għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu [tagħha]" ma jinkludix vetturi li impriża ta' leasing tixtri bil-ħsieb, bħal fil-kawża prinċipali, li tikrihom u sussegwentement tbiegħhom fit-tmiem tal-kuntratti ta' hire purchase, meta l-bejgħ ta' dawn il-vetturi fit-tmiem ta' dawn il-kuntratti jifforma parti integrali mill-attivitajiet ekonomiċi abitwali ta' din l-impriża.

Firem